Ref: HR 11/2025

Ċirkulari Nru. HR/MFIN 11/2025

Ministeru għall-Finanzi
Maison Demandols, 30,
Triq Nofs In-Nhar,
Il-Belt Valletta

Data: 5 ta' Diċembru 2025

Kummissarju għat-Taxxa u d-Dwana
Diretturi Ġenerali
Diretturi

**Espressjoni ta' Interess minn fost Revenue Inspectors u Revenue Officers biex jiġu assenjati dmirijiet bħala Revenue Inspector Supervisor fl-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi**

1. F'konformità mal-kunċett tal-mobilità tal-impjiegi, li jsaħħaħ l-esperjenza tat-tagħlim tal-individwu filwaqt li jindirizza l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku, is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi qiegħed ifittex li jiddentifika Uffiċjali Pubbliċi li jokkupaw il-pożizzjoni ta' *Revenue Inspectors* jew *Revenue Officers* fi ħdan l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta biex iwettqu dmirijiet ta' *Revenue Inspector Supervisor* kif imsemmija hawn fuq, għal perjodu ta' sena (1) li jista' jiġġedded għal aktar perjodi.

2. Il-kandidati magħżula għandhom, għall-perjodu li matulu jiġu assenjati tali dmirijiet, iwieġbu lill-Kap tad-Dipartiment fejn jiġu assenjati.

3. Il-perjodu ta' assenjazzjoni għandu jitqies bħala "servizz fil-grad" għall-finijiet tal-kalkolu tat-tul tas-servizz, anzjanità, salarju, progressjoni u, fejn applikabbli, għall-finijiet ta' pensjoni tat-Teżor. Il-prestazzjoni f'dawn id-dmirijiet tiġi wkoll rikonoxxuta fir-Record of Service (GP47).

**Termini u Kundizzjonijiet**

4. Il-kandidati magħżula jkomplu jirċievu s-salarju tal-grad sostantiv tagħhom flimkien mal-pakkett finanzjarju marbut mal-grad ta' *Revenue Inspector* jew *Revenue Officer* skont il-*Memorandum of Understanding between the Government of Malta and the UĦM-Voice of the Workers pertaining to officers carrying out duties as Revenue Inspectors (ex-VAT Inspectors) and ex-Revenue Officers*, għall-perjodu li matulu jkunu assenjati fi kwalunkwe wieħed mid-dmirijiet imsemmija f'Anness A.

4.1. F'konformità mal-livell ogħla ta' responsabbiltà u l-element ta' flessibiltà, Revenue Inspector Supervisor jibbenifika minn allowance addizzjonali ta' €2,000 fis-sena.

4.2. Il-kandidati magħżula jkomplu bid-dmirijiet tal-grad sostantiv tagħhom ladarba ma jibqgħux jaqdu d-dmirijiet marbuta ma' din l-espressjoni ta' interess.

4.3. *Revenue Inspector Supervisors,* li bis-saħħa tal-grad sostantiv tagħhom jibbenefikaw minn progressjoni għal Skala ta' Salarju 7 waqt li jkunu assenjati d-dmirijiet ta' *Revenue Inspector Supervisor* ikomplu jaqdu dawn id-dmirijiet. Persuni magħżula li matul l-inkarigu ta' *Revenue Inspector Supervisors* jinħatru f'post/pożizzjoni fi Skala ta' Salarju 7 jew aktar ikollhom iċedu d-dmirijiet ta' *Revenue Inspector Supervisor*.

4.4. Il-persuni magħżula ser jkunu meħtieġa jużaw il-mezzi tat-trasport tagħhom stess fit-twettiq tax-xogħol uffiċjali tagħhom, li għalih ser jiġu kkumpensati skont it-termini tal-Manwal dwar il-Politiki u l-Proċeduri tat-Trasport u l-Ivvjaġġar.

4.5. Jistgħu jkunu meħtieġa li jaqdu d-dmirijiet tagħhom barra mill-ħinijiet normali tax-xogħol, inkluż fi tmiem il-ġimgħa jew festi pubbliċi. Ta' dan jkunu renumerati bir-rati tas-sahra approvati fil-Memorandum of Understanding between the Government of Malta and the UHM - Voice of the Workers pertaining to officers carrying out duties as Revenue Inspectors (ex-VAT Inspectors) and ex-Revenue Officers.

**Dmirijiet**

5. L-uffiċjali pubbliċi fi ħdan l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta li huma assenjati bid-dmirijiet ta *Revenue Inspectors* u *Revenue Officers* huma għalhekk mistiedna jippreżentaw l-espressjoni ta' interess tagħhom biex jiġu assenjati dmirijiet relatati ma' waħda jew aktar mid-denominazzjonijiet imsemmija hawn fuq. Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet huma deskritti fl-Anness A.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà**

6. L-applikanti eliġibbli se jintalbu jattendu għal intervista biex jiġi evalwat jekk humiex adatti għal dawk id-dmirijiet li huma esprimew interess fihom. Il-kandidati magħżula jiġu assenjati fuq dmirijiethom skont l-eżitu ta' tali valutazzjoni u skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

7. Kull kwalifika u esperjenza dikjarata għandha tkun sostnuta b'ċertifikati u/jew testimonjanzi, li kopji tagħhom għandhom ikunu mehmuża mas-sottomissjoni tal-Uffiċjal. Kopji skennjati mibgħuta elettronikament huma aċċettabbli.

7.1 Iċ-ċertifikati u/jew it-testimonjanzi oriġinali jridu jintwerew waqt l-intervista mingħajr ebda eċċezzjoni.

8. Ir-riżultat tal-proċess tal-għażla se jiġi ppubblikat mis-Segretarju Permanenti u jkun esebit fuq ir-*recruitment portal* kif ukoll fuq in-*noticeboard* tal-Ministeru għall-Finanzi f'Maison Demandols, 30, Triq Nofs In-Nhar, Il-Belt Valletta.

8.1. Petizzjonijiet li joġġezzjonaw għar-riżultat tal-proċess tal-għażla għandhom jaslu għand is-Segretarju Permanenti fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

**Sottomissjoni ta' l-Applikazzjoni**

9. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi Ministeru għall-Finanzi, permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern onlajn **biss** fuq (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki miksuba mill-applikant/a). Il-GP47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-Ministeru li joħroġ is-sejħa tal-espressjoni ta' interess. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **l-5.15 pm (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Diċembru, 2025.** Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali , li jistgħu jiġu aċċessati fl-indirizz https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf.

10. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

11. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

12. Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

13. L-Uffiċjali magħżula jridu jiffirmaw dokument li jixhed l-impenn tagħhom lejn l-assenjament li ntgħażlu biex jagħmlu.

P. Zahra
Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Finanzi